MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2010

Numru 3333/2010

**Fl-atti ta' l-allegazzjoni ta' genn fl-ismijiet**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Anthony Schembri**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell ta' Anthony Schembri mill-verdett tal-gurati (moghti fis-17 ta' Settembru 2008) u mid-decizjoni tal-Qorti Kriminali (moghtija fl-istess jum) dwar l-allegat

stat ta’ genn ta’ l-istess Schembri fid-29 ta’ Settembru 2005. Ghall-ahjar intendiment ta’ din is-sentenza, tajjeb li jigi riassunt fil-qosor l-*iter* ta’ dan il-kaz.

**2**. Anthony Schembri tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fit-30 ta’ Settembru 2005 akkuzat talli (**i**) fl-Isptar San Luqa, fil-Pieta`, nhar id-29 ta’ Settembru 2005, ghall-habta ta’ nofs in-nhar, dolozament, bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ [martu] Dolores sive Doris Schembri f’perikolu car, taha diversi daqqiet ta’ strument li jaqta’ u bil-ponta, u kkagunalha l-mewt, (**ii**) fil-hin li huwa kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari, (**iii**) talli fl-istess data, hin u cirkostanzi f’diversi bnadi f’dawn il-Gzejjer zamm u garr strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kif ukoll (**iv**) talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali wara li kien instab hati b’sentenza moghtija mill-Qrati tal-Magistrati. Ghal dawn l-imputazzjonijiet Anthony Schembri, li kien dejjem assistit legalment, wiegeb (quddiem il-Qorti Istruttorja – fol. 5 ta’ l-attijiet tal-kumpilazzjoni) li ma kienx hati.

**3.** Wara li fis-7 ta’ Ottubru 2005 il-Qorti Istruttorja ddikjarat li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex Schembri jitqieghed taht att ta’ akkuza u baghtet l-attijiet tal-kumpilazzjoni lill-Avukat Generali, dan, b’nota ta’ rinviju datata 1 ta’ Novembru 2005 baghat l-attijiet lura lill-Qorti Inferjuri biex din tisma’ aktar provi. Fl-udjenza ta’ l-10 ta’ Novembru 2005, wara li nstemghu diversi xhieda u gie esebit anke l-*proces-verbal* relattiv, id-difensur ta’ Schembri talab biex “jinhatru esperti medici biex jivverifikaw il-kondizzjoni mentali ta’ l-imputat” – ara fol. 27 ta’ l-attijiet tal-kumpilazzjoni. Il-psikjatri mahtura kienu Dott. John Mifsud, Dott. Ethel Felice u Dott. David Cassar. Fl-udjenza tal-21 ta’ Marzu 2006 (fol. 106) Dott. Mifsud gie sostitwit b’Dott. Salvino Schembri Wismayer; u terga’ fl-udjenza tad-9 ta’ Mejju 2006 (fol. 110), Dott. Schembri Wismayer gie sostitwit b’Dott. Anton Grech.

**4.** Fl-4 ta’ Jannar 2007, il-kullegg peritali pprezenta u halef ir-relazzjoni tieghu (fol. 133 sa 139). F’din ir-relazzjoni huma kkonkludew hekk:

**“Fil-hin ta’ l-incident li wassal ghall-mewt ta’ martu, Mr Anthony Schembri kien qed ibati minn stat ta’ skizofrenija paranoika severa u genn fit-termini tal-ligi.**

**“L-istat mentali tieghu kien direttament u specifikatament affetwat mill-marda tieghu u wassal ghar-reat illi fih mietet martu.**

**“Fil-hin tar-reat ma kellux il-kapacita` ta’ gudizzju, ‘intendere e volere’.”**

**5.** L-attijiet tal-kumpilazzjoni gew rinvijati lill-Avukat Generali fis-17 ta’ Jannar 2007. Fit-22 ta’ Jannar 2007 l-Avukat Generali pprevalixxa ruhu mid-disposizzjoni ta’ l-artikolu 402(5)[1] tal-Kap. 9 u permezz ta’ rikors ipprezentat quddiem il-Qorti Kriminali talab li l-kwistjoni tal-genn o meno ta’ l-imputat tingieb quddiem dik il-Qorti – il-Qorti Kriminali – biex tigi deciza skond l-artikoli 620, 627 u 628 ta’ l-imsemmi Kap. 9.

**6.** Il-kwistjoni li ghalhekk kellha quddiemha l-Qorti Kriminali, u li kellha tigi deciza minn gurija mahtura skond l-artikolu 627 imsemmi, kienet jekk fil-mument ta’ l-allegat omicidju ta’ martu Anthony Schembri kienx fi stat ta’ genn ghall-finijiet u effetti kollha ta’ l-artikolu 33(a) tal-Kodici Kriminali. Wara li semghu l-provi li ressaq l-Avukat Generali u l-imputat Schembri, il-gurati, fil-21 ta’ Mejju 2007, iddikjaraw b’sitt voti favur u tlieta kontra li kienu qed “isibu li Anthony Schembri ma kienx fi stat ta’ genn meta sehh l-incident”. Fit-22 ta’ Mejju 2007 il-Qorti Kriminali ppronunzjat ruhha, *inter alia*, hekk:

**“Rat il-verdett tal-gurija tal-21 ta’ Mejju 2007 li bih b’sitt (6) voti kontra tlieta (3) sabet illi Anthony**

[1] Ara a propositu wkoll l-artikolu 499(2) tal-Kap. 9: “Jista’ jsir appell ukoll fuq talba ta’ l-akkuzat minn decizjoni moghtija fuq rikors ta’ l-Avukat Generali skond is-subartikolu (5) ta’ l-artikolu 402 jew minn kull decizjoni…”.

**Schembri ma kienx fi stat ta' genn meta sehh l-incident:**

**"Ghalhekk tiddikjara illi Anthony Schembri ma kienx fi stat ta' genn meta sehh l-incident tad-29 ta' Settembru 2005.**

**"Tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ghall-kontinwazzjoni. Tordna wkoll illi l-imputat jitqieghed fl-istess posizzjoni li kien qabel il-proceduri quddiem din il-qorti ghal dik li hija l-liberta` personali tieghu."**

**7.** Permezz ta' nota moqrija u prezentata minnufih wara l-qari ta' din id-decizjoni, Anthony Schembri ta avviz ta' appell. L-ghada, 23 ta' Mejju 2007, huwa pprezenta appell quddiem din il-Qorti. L-appell gie appuntat ghall-11 ta' Lulju 2007.

**8.** B'sentenza tad-29 ta' Mejju 2008 din il-Qorti (diversament komposta) hassret u rrevokat kemm il-verdett tal-gurati tal-21 ta' Mejju 2007 kif ukoll is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-22 ta' Mejju 2007 u, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 508(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat li l-appellant jerga' jigi processat skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 620, 627 u 628 tal-Kodici Kriminali b'referenza ghar-rikors ta' l-Avukat Generali tat-22 ta' Jannar 2007; konsegwentement ordnat li l-atti jintbaghtu lura lill-Qorti Kriminali u li Anthony Schembri jitqieghed fl-istess pozizzjoni li kien fiha minnufih qabel ma gie mahtur il-guri fil-21 ta' Mejju 2007.

**9.** Wara li semghu l-provi, il-gurati, fis-17 ta' Settembru 2008, iddikjaraw b'seba' voti favur u tnejn kontra li kienu qed "isibu li Anthony Schembri ma kienx fi stat ta' genn skond il-ligi fil-mument li ghamel dak deskritt fl-akkuza". Fl-istess jum il-Qorti Kriminali ppronunzjat ruhha, *inter alia*, hekk:
**"Rat il-verdett tal-gurija moghti llum li bih, b'sebgha (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabu li Anthony Schembri ma kienx fi stat ta' genn skond il-ligi fil-mument li ghamel dak deskritt fl-akkuza;**

**Tiddikjara ghalhekk illi Anthony Schembri ma kienx fi stat ta' genn skond il-ligi fil-mument li ghamel dak deskritt fl-akkuza;**

**Tordna li l-atti jintbaghtu minnufih lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ghall-kontinwazzjoni tal-kumpilazzjoni (u dan anke jekk isir appell mill-verdett u sentenza tal-lum stante li tali appell ma jwaqqafx l-esekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti Kriminali);**

**Tordna fl-ahharnett li Anthony Schembri jittiehed lura l-Isptar Monte Carmeli, fejn kien qed jinzamm minnufih qabel ma bdew il-proceduri l-bierah bhala parti mill-kundizzjonijiet tal-helsien tieghu mill-arrest preventiv (fi kliem iehor l-imsemmi akkuzat ghandu jerga' jitqieghed, ghal dak li hu helsien mill-arrest, fl-istess posizzjoni li kien fiha minnufih qabel ma dahal fl-izbarra l-bierah).”**

Permezz ta' nota moqrija u pprezentata minnufih wara l-qari ta' din id-decizjoni, Anthony Schembri ta avviz ta' appell. Fit-22 ta' Settembru 2008 gie pprezentat l-appell li qieghed jigi kkunsidrat minn din il-Qorti.

**10.** L-appellant ghandu tliet aggravji: (1) li l-verdett tal-gurati kien kompletament skorrett peress illi ma kinux jezistu ragunijiet gravi u serji bizzejjed biex jintitolahom li jiddipartixu mir-rapport tal-periti; (2) li anke jekk jinghata aktar piz lill-istqarrija ta' l-appellant, ghandu jibqa' dak id-dubju ragjonevoli f'mohh min ghandu jiggudika; (3) li kien hemm skorrettezza fil-kummenti li ghadda l-Imhallef li ppresjeda l-guri dwar id-digriet tan-nomina tal-psikjatri u liema kummenti zgwidaw lill-gurati.

**11.** Ikun opportun li l-ewwel jigi kkunsidrat it-tielet aggravju. Permezz ta' dan it-tielet aggravju l-appellant jghid li hin minnhom waqt l-indirizz l-Imhallef li ppresjeda l-guri beda jghid li r-rapport ta' l-esperti ma kienx wiehed korrett/felici peress li d-digriet li bih gew nominati kien wiehed generali wisq u ma tax lill-esperti s-setgha li

jisimghu xhieda u li jaraw l-atti tal-kumpilazzjoni. Qal li qabel kienu jinghataw digrieti aktar ampji. L-appellant sostna li dawn il-kummenti zgwidaw ghal kollox lill-gurija, imbaghad fuq kwistjoni hekk delikata fejn il-gurati kellhom jaghzlu bejn l-istqarrija tal-pulizija jew ir-rapport peritali. Dan il-kumment ta' l-ewwel Qorti, isostni l-appellant, kien zejjed meta tqis li effettivament l-esperti raw l-istqarrija u ddeliberaw bejniethom fuqha. Barra minn hekk ma kien hemm l-ebda xhud li messu nstema' peress li l-incident sehh f'kamra fl-isptar fejn kien hemm biss l-appellant u martu. L-appellant jghid li l-kummenti ta' l-ewwel Qorti deffsu zgur f'mohh il-gurati li r-rapport peritali kien fih xi mankanzi, meta l-konkluzjoni kienet carissima u ma kinitx tiddependi minn x'tip ta' digriet inghata.

**12.** Dan kien l-uniku aggravju sollevat dwar l-indirizz. Peress illi l-indirizz ma giex traskritt, din il-Qorti semghet ir-registrazzjoni tieghu. Jirrizultalha illi meta l-Imhallef li ppresjeda l-guri, kien qieghed jirreferi ghad-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-10 ta' Novembru 2005 qal[2]:

"Fl-udjenza ta' l-10 ta' Novembru 2005 ... id-difiza talbet biex jinhatru esperti medici biex jivverifikaw il-kondizzjoni mentali ta' l-imputat. Issa l-Qorti, hawn miktub hekk u fuq din ghandi x'nikkummentalkom aktar 'il quddiem ghaliex jien jidhirli – anzi mhux jidhirli, din ha naghtihielkom bhala punt ta' ligi prattikament, li l-mod kif sar dan id-digriet kien mankanti, kellu nuqqasijiet kbar fih li forsi jispjega wkoll ghaliex fost affarijet ohra l-psikjatri hlief sal-bierah ma kinux ghadhom raw l-istqarrija ta' l-akkuzat."

Effettivament, wara li fl-10 ta' Novembru 2005 id-difiza talbet il-hatra ta' "esperti medici biex jivverifikaw il-kondizzjoni mentali tal-imputat", il-Qorti Istruttorja tat is-segwenti digriet: "Il-Qorti tahtar lil Dr. John Mifsud, Dr. Ethel Felice u Dr. David Cassar ghal dan l-iskop." Aktar 'il quddiem l-Imhallef li ppresjeda l-guri rritorna ghal dan il-punt u qal[3]:

---

[2] Tape 8 Side A.
[3] Tape 9 Side A.

“Dari meta l-Qorti tal-Magistrati taghmel digriet fejn tahtar esperti psikjatri kienet tispjega ezattament x’ghandhom jaghmlu dawk l-esperti psikjatri, fosthom li jaraw l-attijiet tal-kumpilazzjoni, jistghu jezaminaw xhieda li jidhrilhom li ghandhom jezaminaw, fosthom anke xhieda li setghu raw l-incident isehh, per ezempju, sewwa – hawn hekk ma nafux jekk kienx hemm xhieda  ta’ l-incident biex inkunu ghidna kollox, sewwa, imma ghallinqas jaraw l-istqarrija, per ezempju jezaminaw xhieda minghajr gurament u kienet tinghatalhom din il-fakolta`. Sfortunatament – u dan qed nghidu biex nghidilkom li t-tort mhux it-tort ta’ l-esperti – f’dan il-kaz dan kollu ma sarx u mhux hekk kellu jsir id-digriet li bih jigu nominati l-esperti. L-esperti kellhom jigu nominati u jinghataw ezattament, jinghad lilhom ezattament x’ghandhom jaghmlu u x’fakoltajiet kellhom.”

**13.** Mela huwa evidenti illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri b’ebda mod ma qal, kif sostna l-appellant, li r-rapport tal-esperti psikjatri ma kienx wiehed “korrett/felici”. Kien qieghed jikkummenta dwar in-nuqqas ta’ direzzjoni fid-digriet tan-nomina. Qal li dan ma kienx tort tal-psikjatri u rrefera wkoll ghal dak li qalu l-periti li ma rawx l-istqarrija ghax la kienu awtorizzati u lanqas ma hija prattika taghhom li jaghmlu dan. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, dan ma jnaqqas xejn mir-rapport bhala prova tajba u f’ebda hin ma l-Imhallef li ppresjeda l-guri ssuggerixxa lill-gurati li kellhom jiskartaw dak ir-rapport. Anzi, fl-indirizz tieghu dejjem irrefera ghar-rapport bhala wiehed miz-zewg dokumenti (l-iehor kien l-istqarrija) importanti li kellhom jigu kkunsidrati mill-gurati. Din il-Qorti wkoll temmen illi f’nomini simili ghandu jkun hemm direzzjoni aktar cara lill-esperti psikjatri nominati fit-termini msemmija mill-ewwel Qorti. Difatti, peress illi l-esperti jkunu qeghdin jaghmlu l-evalwzzjoni taghhom *ex post facto*, evidenza ta’ dak li sehh qabel, waqt  u wara l-incident ikun jista’ jaghti stampa aktar kompleta ta’ l-istat mentali ta’ l-akkuzat. Fi kwalunkwe kaz, waqt il-guri l-esperti psikjatri nghataw il-fakolta` li jezaminaw l-istqarrija li ghamel l-appellant *a tempo vergine*, u kellhom l-opportunita` li jaghtu l-fehma taghhom dwarha. Inoltre meta wiehed jikkunsidra l-indirizz

fit-totalita` tieghu, wiehed isib li kien indirizz bilancjat li espona kjarament id-doveri tal-gurati, il-principji u l-ligi applikabbli, u b'ebda mod ma giet uzurpata l-funzjoni li l-ligi tirrizerva ghall-gurati. Bhalma qal Lord Alverstone, C.J. in re R. v. Stoddart (1909) 2 Cr.App.R. 217 (**Archbold, Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2003**, para. 7-53 p. 936):

**"Every summing-up must be regarded in the light of the conduct of the trial and the questions which have been raised by the counsel for the prosecution and for the defence respectively. This Court does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced. This Court sits here to administer justice and to deal with valid objections to matters which may have led to a miscarriage of justice."**

Ghaldaqstant it-tielet aggravju qieghed jigi michud u din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji l-ohra ta' l-appellant.

**14.** L-appellant ghandu zewg aggravji ohra li dwarhom jghid hekk: (1) Permezz ta' l-ewwel aggravju l-appellant jghid li l-verdett tal-gurati kien kompletament skorrett. Xhieda kien hemm l-Ispetturi Pullicino u Valletta li rrakkontaw x'kien qallhom l-appellant fl-istqarrija – il-verzjoni li strah fuqha l-Avukat Generali – u min-naha l-ohra l-panel ta' psikjatri kompost minn Dr. David Cassar, Dr. Ethel Felice u Dr. Anton Grech. Huwa minnu li l-eccezzjoni mqajma hija wahda legali izda hija msejsa fuq principji ta' psikjatrija. Il-psikjatri, kemm fir-rapport taghhom kif ukll waqt ix-xiehda taghhom, kienu cari li l-appellant kien qieghed ibati minn stat ta' genn fit-termini tal-ligi waqt ir-reat. Huma rritenew din il-konkluzjoni anke wara li raw l-istqarrija ta' l-appellant u rtiraw biex jikkonsultaw ma' xulxin. It-tobba kkonkludew li ma kienx korrett li wiehed jistrieh fuq dak li l-appellant irrilaxxja waqt

it-tehid ta’ l-istqarrija ghax il-pulizija mhumiex nies intizi fil-psikjatrija u ma jindirizzawx ix-xoghol taghhom b’mod li ssir indagni korretta biex wiehed jara jekk il-persuna tkunx fi stat ta’ genn o meno. L-appellant ikompli jghid li l-psikjatri xehdu li huwa kien mignun fit-termini tal-ligi peress li kien persuna marida mentalment bil-marda ta’ skizofrenija akuta u fil-hin tar-reat kien spint biex jaghmel dak li ghamel minn forza barranija li ma kellux kontroll fuqha. Il-periti jghidu li l-appellant kien priv kemm mill-element ta’ *volere* kif ukoll mill-element ta’ *intendere*. L-appellant isostni illi ma ngabet ebda prova kuntrarja ghal dan u ghalhekk, skond hu, il-verdett kien wiehed skorrett, ghaliex filwaqt li l-gurati kellhom kull dritt li ma jistrihux fuq ix-xiehda tal-periti, xorta wahda ma kinux jezistu ragunijiet gravi u serji bizzejjed biex jintitolahom li jiddipartixu u jiddistakkaw ruhhom mir-rapport tal-periti. (2) It-tieni aggravju huwa dwar dak li tghid l-istqarrija u l-gradi ta’ prova vis-a-vis dak li tghid ir-relazzjoni peritali. L-appellant jghid li ghalkemm l-eccezzjoni tal-genn hija wahda moghtija mid-difiza, hija tipprova l-eccezzjoni taghha sal-grad tal-probabbli filwaqt li t-tezi tal-prosekuzzjoni trid tippruvaha sal-grad lil hinn minn kull dubju ragjonevoli. Jghid li kieku ghall-grazzja ta’ l-argument kellu jinghata aktar piz lil dak li qal l-appellant fl-istqarrija tieghu u ma jaghtix affidabilita` lil dak li qalu l-periti, xorta jibqa’ l-fatt li f’mohh min jiggudika huwa difficli hafna li tnehhi d-dubju ragjonevoli ta’ min huwa msawwar bl-gherf tal-hajja biex tiskarta dak li qalu l-periti li f’mumenti minnhom accertaw lill-gurija li fi zmien ir-reat l-appellant assolutament kien mignun fit-termini tal-ligi. Skond l-appellant huwa kwazi impossibbli li, meta jkollok opinjoni unanima li bla ombra ta’ dubju l-appellant kien fi stat ta’ genn fil-mument tar-reat, min ghandu jiggudika u jiggudika korrettement, ma jkollux fil-kuxjenza tieghu dubju ragjonevoli. Ghalhekk, jinsisti l-appellant, anke jekk wiehed kellu jaghti importanza lill-istqarrija sal-grad li trid tipprova d-difiza, l-appellant kellu jinstab li kien fi stat ta’ genn fit-termini tal-ligi waqt ir-reat;

**15.** Dak li l-appellant qieghed bazikament jitlob fl-ewwel zewg aggravji huwa li din il-Qorti taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi. Din il-Qorti trid ghalhekk tara jekk il-

gurati, ben indirizzati, setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li effettivament waslu ghaliha[4]. In ezekuzzjoni ta' din il-funzjoni taghha, din il-Qorti ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi t-traskrizzjonijiet tax-xiehda, u d-dokumenti esibiti u semghet ir-registrazzjoni ta' l-indirizz.

**16.** Il-gurati kienu msejhin biex jiddeterminaw jekk kellhomx jaccettaw il-kontestazzjoni ta' l-Avukat Generali tar-rapport ta' l-esperti psikjatri fejn kienu kkonkludew li fil-hin tar-reat Anthony Schembri "ma kellux il-kapacita` ta' gudizzju, 'intendere e volere'", cioe` jekk kienx fi stat ta' genn skond il-ligi fil-mument tar-reat kif qalu l-esperti psikjatri jew kienx *sano di mente* skond il-ligi kif sostna l-Avukat Generali.

**17.** Tajjeb hawn li ssir esposizzjoni fil-qosor tal-ligi in tema ta' demenza ghall-finijiet ta' l-Artikolu 33(a) tal-Kodici Kriminali. Ghal dan il-fini qed issir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti (diversament komposta) fis-sentenza taghha **Ir-Repubblika ta' Malta v. David Norbert Schembri** tal-25 ta' Settembru 2008:

**"6. Kif inhu risaput, l-espressjoni "stat ta' genn" fil-paragrafu (a) ta' l-Artikolu 33 tal-Kodici Kriminali**

---

4 Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**ghandha sinjifikat legali li mhux necessarjament jattalja ruhu ma' dak li fil-medicina jew fil-psikjatrija jitqies bhala "genn". Kif jispjegaw l-awturi Jones u Christie fil-ktieb taghhom *Criminal Law*[5]:**

**"'It is important to emphasise at the outset that insanity is a purely legal concept. It is not a clinical term derived from psychiatry or psychology. Insanity is not synonymous with any medical conception of mental disorder.' [6]**

**"Fi kliem iehor, persuna tista' tkun marida mentalment fil-mument li tkun ghamlet l-att ta' kommissjoni jew ommissjoni li jammonta ghall-element materjali tar-reat, izda dan <u>ma jfissirx necessarjament</u> li dik il-persuna kienet fi "stat ta' genn" ghall-finijiet ta' l-imsemmi Artikolu 33(a), cioe` tali li tkun ezenti minn responsabbilta` kriminali. Biex ikun hemm l-istat ta' genn li jezenta mir-responsabbilta` kriminali jrid jirrizulta (imqar fuq bazi ta' probabbilita`, meta d-demenza tkun giet eccepita mill-akkuzat jew imputat u allura l-piz ikun fuqu biex jipprova l-fatt[7]) li l-akkuzat jew imputat kien qed ibati minn marda tal-mohh li minhabba fiha, fil-mument tal-att ta' kommissjoni jew ommissjoni, huwa kien priv[8] (i) jew mill-kapacita` li jifhem in-natura u l-kwalita` ta' dak l-att li qed jaghmel, jew (ii) mill-kapacita` li jifhem li dak li qed jaghmel hu hazin, jew (iii) mill-kapacita` li jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att. Marda tal-mohh – *disease of the mind* bl-Ingliz – mhux necesarjament tkun patologija lokalizzata fil-mohh – *in the brain*. Kif jispjega Lord Diplock fil-kaz ta' *Sullivan* [1984] AC 156, u b'referenza ghall-M'Naghten Rules – regoli, li wiehed m'ghandux jinsa, jirreferu biss ghall-kapacita`**

[5] Jones, T.H. & Christie, M.G.A. **Criminal Law**, Sweet & Maxwell (Edinburgh), 1992.
[6] *op.cit.* p.140, para. 8.13.
[7] Jekk, mill-banda l-ohra, tkun il-prosekuzzjoni li asseriet, permezz ta' rikors ghall-kontestazzjoni tal-fehma tal-periti prezentat fil-Qorti Kriminali skond l-Artikolu 402(5) tal-Kap. 9, li l-imputat <u>ma kienx</u> fi stat ta' genn fil-mument tal-att, allura tkun l-istess prosekuzzjoni li ghandha tipprova dan sal-grad tal-konvinciment morali.
[8] Ghall-kuncett ta' *diminished responsibility* ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Raymond Vella** App. Krim. 2/8/1999.

***di intendere*, mentri l-ligi taghna tikkunsidra wkoll jekk kienx hemm il-kapacita` *di volere* –**

**"'The nomenclature adopted by the medical profession may change from time to time…But the meaning of the expression 'disease of the mind' as the cause of 'a defect of reason' remains unchanged for the purpose of the application of the M'Naghten rules…'mind' in the M'Naghten rules is used in the ordinary sense of the mental faculties of reason, memory and understanding. If the effect of a disease is to impair these faculties so severely as to have either of the consequences referred to in the latter part of the rules [9], it matters not whether the aetiology of the impairment is organic, as in epilepsy, or functional, or whether the impairment itself is permanent or is transient and intermittent, provided that it subsisted at the time of commission of the act.' [10]**

**"U kif spjegat aktar fi *Blackstone's Criminal Practice 2008*:**

**"'It can also be seen that to a large extent, whether something is a disease *of the mind* depends on the consequences it produces – impairment of the faculties of reason, memory and understanding [11]. The disease certainly need not be one primarily located in the brain if it produces the relevant consequences there. Thus arteriosclerosis (hardening of the arteries) causing temporary loss of consciousness is a disease of the mind for these purposes even though it is of physical rather than mental origin…However not every cause of an impairment of these mental faculties is a *disease* of the mind. A disease is something *internal* to the accused and so: *'A malfunctioning of the mind of transitory effect caused by the application to the body***

---

[9] i.e. *"…as not to know the nature and quality of the act he was doing…or…that he did not know he was doing what was wrong."*
[10] p. 172.
[11] U fil-kaz taghna tal-kapacita` li wiehed jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att.

***of some <u>external</u> factor such as violence, drugs, including anaesthetics, alcohol and hypnotic influences cannot fairly be said to be due to disease'* (per Lawton LJ in *Quick* QB 910 at p. 922, emphasis added).'** [12]

**"L-istess jista' jinghad fil-kaz ta' dipendenza, anke wahda qawwija, fuq drogi – tali dipendenza fiha nnifisha ma tammontax ghal marda tal-mohh ghall-finijiet ta' l-Artikolu 33(a) imsemmi[13].**

**"Biex din il-Qorti tikkonkludi fuq dan l-aspett ser tikkwota minn dak li wiehed isib fl-appunti tal-Professur Sir Anthony Mamo:**

**"'The question [of insanity], when it arises, is one of fact: it has, that is to say, to be decided whether the defendant had a mental disease and, if so, whether it was of such a character and degree as to take away the capacity to <u>know</u> the nature of his act or to <u>help doing it</u>.'"**

**18.** Issa, ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-appellant ibati minn kundizzjoni ta' skizofrenija fil-forma ta' psikozi paranoika kronika. Meta l-esperti psikjatri xehdu waqt il-guri, ikkonkludew li ghalkemm l-appellant kien qieghed jaghraf dak li qieghed jaghmel (jigifieri kellu l-kapacita` li jifhem in-natura u l-kwalita` ta' l-att li qieghed jaghmel), kien priv mill-kapacita` li jifhem li dak li qieghed jaghmel hu hazin kif ukoll mill-kapacita` li jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att.

**19.** Jidher li l-gurati skartaw l-opinjoni ta' l-esperti psikjatri (kif del resto kellhom dritt li jaghmlu a tenur ta' l-artikolu 656 tal-Kodici Kriminali[14]) u kkonkludew li l-appellant kellu kemm il-kapacita` li jifhem li dak li qieghed jaghmel huwa

---

[12] Para. A3.17, p. 45-46.

[13] Fir-rigward ta' dipendenza fuq droga u krizijiet ta' astinenza fil-kuntest ta' l-Artikolu 33(b) u l-Artikolu 34 tal-Kodici Kriminali, ara **Il-Pulizija v. Grazio Spiteri** App. Krim. 7/7/1997.

[14] L-artikolu 656 jipprovdi: "Min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."

hazin kif ukoll il-kapacita` li jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att. Din il-Qorti jidhrilha li l-gurati, ben diretti mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, huma fl-ahjar posizzjoni li jiddeciedu, skond il-buon sens, dwar il-kwistjoni li kellhom quddiemhom. Bhalma jghidu Timothy Jones u Michael Christie[15], b'referenza ghal-ligi sostantiva u procedurali Skocciza in materja ta' eccezzjoni ta' demenza fil-kamp penali, u li hi simili hafna ghal dik taghna:

**"The issue as to whether the accused's reason was alienated in relation to the crime in question is one for the jury to determine in the light of the evidence and their common sense. In Lord Strachan's terms, 'it is to be judged on the ordinary rules on which men act in daily life.' The jurors are the arbiters of insanity. They can take account of any medical evidence given by expert witnesses, but such evidence is not conclusive. The significance of medical evidence is severely limited by the fact that insanity is a legal rather than a medical concept. Further, a medical witness can only speculate as to the accused's state of mind at the time of the crime, since the information upon which his judgment is based will have been obtained subsequent to the crime being committed."**

**20.** Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha li kellhom quddiemhom il-gurati, li gew ben diretti mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, u wara li hasbet fit-tul dwar is-sottomissjonijiet tal-partijiet, hi tal-fehma li l-ewwel zewg aggravji huma infondati, u dan ghaliex, fuq il-bazi ta' dawk il-provi – l-istqarrija elokwenti u dettaljata ta' l-appellant u x-xiehda ta' l-Ispettur Chris Pullicino u ta' l-Ispettur Silvio Valletta – il-gurati setghu legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzzjoni li effettivament waslu ghaliha – cioe` li Schembri, fil-mument ta' l-incident, ma kienx fi stat ta' genn skond il-ligi. Ghalhekk anke l-ewwel zewg aggravji qeghdin jigu michuda u, konsegwentement, l-appell ma jimmeritax akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi:

---

[15] **Criminal Law**, Sweet & Maxwell (Edinburgh), 1992.

Tideciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------